VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,859, 24 ta' Jannar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 33 tal-2012**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

### Ir-Regolamenti tal-2012 biex jemendew ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

**It-Titolu**

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2012 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad tal-2008, ippubblikati bħala Avviż Legali 120 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2011 'il quddiem.

**L-Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali**

3. Minflok is-sotto-paragrafu (d) tal-paragrafu (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(d) jiksbu mhux anqas mill-għadd ta' kredti fil-livell mhux anqas minn dak indikat hawn taħt, inklużi l-kredti kollha għal taqsimiet studju obbligatorji u elettivi kif speċifikat fil-Programm ta' Studju u/jew fl-ordinamenti għall-kors:

| Ir-Rikonoxximent ta' wara l-Ewwel Grad | Ir-Rekwiżiti |
|---|---|
| Iċ-Ċertifikat ta' wara l-Ewwel Grad | 30 kredtu, li minnhom mhux anqas minn 25 kredtu jkunu ta' Livell 5 |

| | |
|---|---|
| Id-Diploma ta' wara l-Ewwel Grad | 60 kredtu, li minnhom mhux anqas minn 50 kredtu jkunu ta' Livell 5 |
| Il-grad ta' Master | 90 – 120 kredtu, li minnhom mhux anqas minn 80 kredtu jkunu ta' Livell 5, u inkluża dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati mhux anqas minn 30 kredtu" |

**L-Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali**

4. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Id-dħul f'korsijiet għal Master huwa permezz ta' grad tal-ewwel ċiklu bl-Unuri kklassifikat mill-anqas bit-Tieni Klassi f'qasam ta' studju rilevanti għall-istudji li se jsiru fil-kors għal Master. L-ordinamenti jistgħu jipprovdu għad-dħul ta' applikanti bi grad bit-Tielet Klassi bl-Unuri jekk huma jkollhom ukoll kwalifiki oħra, inkluża esperjenza rilevanti, miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu."

5. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (2) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċiplai:

"(3) Id-dħul f'korsijiet għal Master Professjonali huwa permezz ta' grad tal-ewwel ċiklu bl-Unuri kklassifikat mill-anqas bit-Tieni Klassi f'qasam ta' studju rilevanti għall-istudji li se jsiru fil-kors għal Master Professjonali. L-ordinamenti jistgħu jipprovvdu għad-dħul ta' applikanti bi grad bit-Tielet Klassi bl-Unuri jekk huma jippreżentaw *portfolio* jew evidenza dokumentata oħra li tkun xhieda tal-esperjenza rilevanti tal-applikant."

6. Il-paragrafi (3) u (4) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandhom ikunu innumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (4) u (5).

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 33 of 2012**

## EDUCATION ACT
## (CAP. 327)

### General University Postgraduate Awards (Amendment) Regulations, 2012

IN EXERCISE of the powers conferred upon him by articles 74 (5) and 75 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following regulations made by the Senate of the University of Malta by virtue of the powers conferred upon it by articles 75 and 79 of the said Act:

**Citation**

1. These regulations may be cited as the General University Postgraduate Awards (Amendment) Regulations, 2012 and shall be read and construed as one with the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008, published as Legal Notice 120 of 2008, hereinafter referred to as "the principal regulations".

**Applicability**

2. These regulations shall be applicable from October 2011 onwards.

**Amendment of regulation 6 of the principal regulations**

3. For sub-paragraph (d) of paragraph (1) of regulation 6 of the principal regulations there shall be substituted the following:

"(d) obtain not less than the number of credits at not below the level as indicated hereunder, including all credits for compulsory and elective study-units as specified in the Programme of Study and/or in the course bye-laws:

| **Postgraduate Award** | **Requirements** |
|---|---|
| Postgraduate Certificate | 30 credits, of which not less than 25 credits at Level 5 |
| Postgraduate Diploma | 60 credits, of which not less than 50 credits at Level 5 |
| Master's degree | 90 – 120 credits, of which not less than 80 credits at Level 5, and including a dissertation to which not less than 30 credits are assigned" |

VERŻJONI ELETTRONIKA



**Amendment of regulation 8 of the principal regulations**

4. For paragraph (2) of regulation 8 of the principal regulations there shall be substituted the following:

"(2) Admission to Master's courses is through possession of a first cycle Honours degree classified at least at Second Class in an area of study relevant to the studies to be pursued in the Master's course. Bye-laws may provide for the admission of applicants with a Third Class Honours degree if they are also in possession of other qualifications, including relevant experience, obtained following the first cycle degree."

5. The following paragraph (3) shall be added after paragraph (2) of regulation 8 of the principal regulations:

"(3) Admission to Professional Master's courses is through possession of a first cycle Honours degree classified at least at Second Class in an area of study relevant to the studies to be pursued in the Professional Master's course. Bye-laws may provide for the admission of applicants with a Third Class Honours degree if they present a portfolio or other documentary evidence recording the applicant's relevant experience."

6. Paragraphs (3) and (4) of regulation 8 of the principal regulations shall be renumbered as paragraphs (4) and (5).

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.18